**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 25 ta' Frar 2002.**

**Pulizija**
**Spettur C. Ellul**

**Vs**

**Jesmond (Gesu' Maria) Nappa Licari**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond (Gesu' Maria) Nappa Licari, ta' 37 sena, iben Anthony u Josephine nee' Grima, imwieled Valletta fil-11 ta' Frar 1964 u joqghod 110/2, St. Joseph Street, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 102764 (M);

Talli fis-6 ta' Frar 2001, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' magna awtomatika tal-petrol, tal-Phoenix petrol station li tinsab f'Marsa Cross Road, Marsa, ghad-detriment ta' Emanuel Ciantar, dan bi ksur tal-Aertikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Oltre, talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 26 ta''Settembru 1996, liema sentenza hi definittiva u ma' tistax tigi mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 325(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Jesmond (Gesu' Maria) Nappa Licari, hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat id-dokumenti ezebiti, qeghda tikkundanna lill-imsemmi imputat, ghall-hlas ta' mitt lira maltin (Lm100) multa, pagabbli fiz-zmien sena mil-lum, kif ukoll qegha tobbliga lill-istess imputat, ihallas l-ammont ta' mija u ghaxar liri maltin (Lm110) fiz-zmien tlett (3) xhur mil-lum, a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 152, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.